**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 176/17 AL

**AB**

**VS**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';
2. Illi l-esponenti sseparat legalment minn ma zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona datat hdax ta' April tas-sena elfejn u sitta (11/04/2006) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal li llum huma lkoll maggorenni;
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat hdax ta' April tas-sena elfejn u sitta (11/04/2006) surreferit u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba' (4) snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 66B;
5. Illi dwar il-manteniment stante li t-tfal huma ilkoll maggorenni l-ebda manteniment ma hu dovut. Filwaqt li a tenur tal-Artikolu 3 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimat illi permezz taghha iddikjara :

Illi huwa ma jopponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti;

Illi l-esponenti jikkonferma li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u huma sseparaw legalment b'kuntratt tal-11/4/2006 u ilhom aktar minn erba' snin separati;

Illi l-esponenti jirrileva wkoll li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett ebda manteniment mhu dovut bejniethom u t-tfal huma kollha maggorenni;

Bl-ispejjez kontra r-rikrorenti bhala l-parti li intavolat il-proceduri;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2017;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' April 2006;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.